# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**
**ONOR. IMĦALLEF IAN SPITERI BAILEY**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 17 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 967/23/1 CFS**

Fl-atti tal-Mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1580/2023
fl-ismijiet:

**Jasmin Buchegger debitament rappreżentata mill-mandatarja speċjali tagħha l-Avv. Sarah Sultana**

**v.**

**Rabbit Entertainment Limited (C-66436)**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-eżekutanta Jasmin Buchegger minn provvediment tal-25 ta' Settembru 2023 mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fuq talba tal-eżekutata Rabbit Entertainment Ltd li permezz

tiegħu u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet it-talba tal-eżekutata sabiex tħassar il-mandat eżekuttiv fuq imsemmi.

**Il-Fatti**

2. Il-fatti rilevanti fil-qosor huma s-segwenti.

3. Permezz ta' rikors intavolat fid-19 ta' Ġunju, 2023 **l-appellanti Jasmin Buchegger rappreżentata mill-mandatarja speċjali tagħha l-Av. Dr. Sarah Sultana [l-Appellanti]**, talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex toħroġ mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra **s-soċjetà appellata Rabbit Entertainment Limited [l-Appellata jew is-Soċjetà Appellata]** fejn bħala titolu eżekuttiv invokat sentenza mogħtija minn qorti ġewwa l-Awstrija fit-3 ta' Ġunju, 2022. Mar-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv l-appellanti annettiet kopji awtentikati tas-sentenza msemmija, kif ukoll iċ-Ċertifikat Annex 1 maħruġ mill-Qorti Awstrijaka *ai termini* tal-Artikolu 53 tar-**Regolament Ewropew numru 1215/2012** (**Brussels I Recast**).

4. Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Lulju, 2023 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv għar-raġunijiet hemm mogħtija b'applikazzjoni tal-Artikolu 56A tal-Kapitolu 583 promulgat fis-16 ta' Ġunju, 2023 li jipprovdi illi:

"Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ta' kull liġi oħra, bħala prinċipju ta' ordni pubblika:

(a) l-ebda azzjoni ma tista' tinġieb fil-konfront ta' detentur ta' liċenzja u, jew uffiċjali u, jew persuni rilevanti, preżenti jew passati, ta' detentur ta' liċenzja fir-rigward ta' materji relatati mal-provvista ta' servizz tal-logħob, jew fil-konfront ta' ġugatur għax irċieva tali servizz tal-logħob, jekk dik l-azzjoni:

(i) tikkonfliġġi ma', jew timmina, il-legalità tal-provvista ta' servizzi tal-logħob ġewwa jew minn Malta permezz ta' liċenzja maħruġa mill-Awtorità, jew il-legalità ta' kwalunkwe obbligu legali jew naturali li jirriżulta mill-provvista ta' tali servizzital-logħob; u

(ii) (ii) tirrigwarda attività awtorizzata li hija leġittima fit-termini tal-Att u strumenti regolatorji oħra; u

(b) il-Qorti għandha tirrifjuta r-rikonoxximent u, jew l-infurzar ġewwa Malta ta' kwalunkwe sentenza u, jew deċiżjoni barranija mogħtija fir-rigward ta' azzjoni tat-tip imsemmi fis-subartikolu (a).[1]"

5. Fil-<u>21 ta' Awwissu, 2023</u> l-appellanti ppreżentat rikors ieħor għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv. Din id-darba t-talba ġiet milqugħha u b'digriet tat-22 ta' Awwissu, 2023 il-Qorti Ċivili Prim'Awla ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra l-appellata.

6. B'rikors tad-<u>29 ta' Awwissu, 2023</u> is-soċjetà appellata talbet lill-Ewwel Qorti sabiex *ai termini* tal-<u>Artikolu 281 tal-Kap 12</u> tal-Liġijiet ta' Malta tħassar l-imsemmi att eżekuttiv u dan għas-segwenti raġunijiet:-

i. Illi l-Ewwel Qorti diversament presjeduta kienet diġà preċedentement ċaħdet talba tal-istess appellanti kontra l-istess

[1] Miżjud bl-Att XX1 tal-2023.

soċjetà appellata għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv identiku msejjes fuq l-istess titolu eżekuttiv u ċjoè s-sentenza tal-Qorti Awstrijaka.

ii. Illi d-deċiżjoni taċ-ċaħda tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat eżekuttiv hija waħda *res judicata*.

iii. Illi r-rikors tal-appellanti huwa abbuż tal-proċedura ġudizzjarja u forma ta' *forum shopping*.

iv. Illi l-aġir tal-appellanti jimmina ċ-ċertezza legali peress li issa l-istess Qorti għandha żewġ deċiżjonijiet li huma konfliġġenti.

7. B'digriet tal-31 ta' Awwissu, 2023 l-Ewwel Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontro parti bi dritt ta' risposta fi żmien għaxart ijiem, u appuntat ir-rikors għas-smigħ għad-19 ta' Settembru, 2023.

8. B'risposta tal-14 ta' Settembru, 2023 l-appellanti opponiet it-talba għat-tħassir tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv għal diversi raġunijiet fosthom:

- illi l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv impunjat kien iħares dak kollu li tipprovdi l-liġi għas-siwi tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 376 (2) tal-

Kap. 12 u li ma għandu l-ebda difett fil-forma tiegħu, u li nħareġ fit-termini tar-Regolament 1215/2012 b'applikazzjoni ta' Artikolu 825A tal-Kap 12;

- Illi l-mandat impunjat huwa munit bid-dokumentazzjoni kollha b'konferma tat-titolu eżekuttiv vantat mill-appellanti nkluż iċ-ċertifikat tal-ordni ta' infurzar *ai termini* tal-Artikolu 53 tar-Regolamenti Ewropew numru 1215/2012;

- Illi kien hemm rikorsi oħra għall-ħruġ ta' mandati eżekuttivi fuq mertu simili li wkoll ġew akkordati;

- Illi l-appellanti tqis illi ċ-ċaħda tar-rikors preċedenti tagħha għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv kienet vizzjata għaliex ħolqot anomalija peress li filwaqt li l-appellanti għanda titolu eżekuttiv in forza tar-regolament Ewropew hija spiċċat bit-talba tagħha għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv miċħud.

- Illi l-liġi Ewropea senjatament Regolament EU nru. 1215/2012 li bis-saħħa tiegħu ntalab il-ħruġ tal-mandati eżekuttivi hija liġi suprema għal-liġijiet nazzjonali ta' kull stat membru u għaldaqstant dan il-prinċipju ta' supremazija jfisser illi jekk liġi nazzjonali bħal Artikolu 56A tal-Kap. 583 tmur kontra l-liġi Ewropea, hija l-liġi Ewropea li għandha

tapplika u mhux dik nazzjonali. Tqis l-appellanti illi fejn liġi nazzjonali tmur kontra liġi Ewropea, il-Qrati għandhom jiskartaw tali liġi nazzjonali.

- Illi kien għalhekk li l-appellanti kellha tagħmel talba oħra mill-ġdid għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv.

- Illi ma hemm xejn fil-liġi proċedurali illi jipprojbixxi li talba għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv li tiġi miċħuda terġa' tiġi riproposta.

- Illi skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, fejn liġi nazzjonali tmur kontra liġi Ewropea, il-qrati nazzjonali għandhom jiskartaw il-liġi nazzjonali;

- Illi l-Att XXI tal-2023, li fis-16 ta' Ġunju, 2023 daħħal Artikolu 56A fil-Kap. 583 (l-Att dwar il-Logħob), imur kontra l-liġi Ewropea meta jistabbilixxi illi l-*gaming* hija kwistjoni ta' strateġija pubblika u li jistultifika d-dritt awtomatiku tal-appellanti li jenforza hawn Malta titolu eżekuttiv ottenut fi Stat Membru ieħor.

- Illi għalhekk il-Qorti għandha tikkunsidra Artikolu 56A tal-Kap. 583 bħala bla effett.

9. Fis-seduta tal-25 ta' Settembru, 2023 l-Ewwel Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet u ppronunzjat id-digriet finali.

10. Id-digriet finali tal-Ewwel Qorti kien jaqra kif ġej:

> "Tqis li fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz Jasmin Buchegger ma setghetx titlob illi jinhareg il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv 1580/2023 quddiem Imhallef iehor, wara li talba identika kienet diga' giet michuda minn Imhallef differenti fl-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv 829/2023. Kif inghad fid-digriet Michael Tober v. LeoVegas Gambling p.l.c. moghti mill-Imhallef Giannino Caruana Demajo fit-13 ta' Settembru, 2023, il-korrettezza kienet titlob illi, qabel ma titlob il-hrug tal-mandat li dwaru sar dan ir-rikors, Jasmin Buchegger kellha tgharraf lill-qorti li quddiemha saret it-tieni talba ghall-hrug tal-mandat, illi l-ewwel talba ghall-hrug ta' dak il-mandat kienet giet michuda.
>
> Tqis li m'hemm xejn irregolari jekk talba ghall-hrug ta' mandat esekuttiv terga' tigi proposta mill-gdid, jekk kemm-il darba r-ragunijiet tac-cahda jkunu saru minhabba nuqqasijiet fil-forma tal-ewwel talba u fit-tieni talba ghall-hrug tal-mandat ikunu tnehhew jew gew imsewwija dawk in-nuqqasijiet. Mill-banda l-ohra huwa irregolari li wiehed jerga' jipproponi talba gdida ghall-hrug ta' mandat ezekuttiv, jekk l-ewwel talba tkun giet michuda minhabba ragunijiet sostantivi bhalma gara f'dan ilkaz, fejn it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru 829/2023 giet michuda minhabba li din il-qorti, b'Imhallef differenti, iddikjarat b'digriet tat-8 ta' Awwissu, 2023, li ma setghetx tilqa' t-talba ghall-hrug tal-mandat fid-dawl dak li jghid l-artikolu 56A tal-Kap 583 tal-Ligijiet ta' Malta.
>
> Tqis li jekk Jasmin Buchegger ma kinitx qieghda taqbel ma' dak id-digriet tat-8 ta' Awwissu, 2023, hija messha bdiet proceduri biex jithassar jew jinbidel dak id-digriet u mhux terga' tipproponi talba ohra ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv.
>
> Tqis li minhabba l-mod hazin ta' kif imxiet Jasmin Buchegger, illum ghandha sitwazzjoni fejn hemm fis-sehh zewg digrieti validi li huma kunfliggenti ma' xulxin.
>
> Tqis li ghalkemm Jasmin Buchegger ghandha ragun tghid li digriet ta' cahda ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv ma johloqx gudikat bejn il-partijiet, madankollu dan ma jbiddilx il-fatt li ddigriet tat-8 ta' Awwissu, 2023 moghti mill-Imhallef Francesco Depasquale fejn inghad li l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv ma jistax jinhareg baqa' ma thassarx ghaliex Jasmin Buchegger qatt ma talbet ghar-revoka tieghu.

> Tqis li f'qaghda bhal din Jasmin Buchegger ma setghetx tipproponi talba gdida ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv minghajr ma ghallinqas tgharraf lill-qorti bid-digriet precedenti tac-cahda u minghajr ma l-ewwel titlob ghat-thassir tad-digriet tat-8 ta' Awwissu, 2023.
>
> Tqis li Jasmin Buchegger kellha minflok titlob li jithassar id-digriet tat-8 ta' Awwissu, 2023 u dan billi tfittex rimedju taht l-artikolu 36(2) tar-Regolament (UE) 1215/2012 biex jigi ddikjarat permezz ta' decizjoni tal-qorti, li m'hemm l-ebda raguni ghar-rifjut ta' rikonoxximent kif imsemmi fl-artikolu 45 tal-istess Regolament.
>
> Ghalhekk il-Qorti qieghda tilqa' t-talba ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru 1580/2023 ghaliex huwa kontradittorju mad-digriet precedenti tat-8 ta' Awwissu, 2023 moghti fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 829/2023 u tordna l-hrug tal-kontromandat relattiv, bla hsara ghal kull jedd ta' Jasmin Buchegger li timxi korrettement kif trid il-ligi.
>
> L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu minn Jasmin Buchegger jew mill-avukata Sarah Sultana skont l-Artikolu 1005 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili.

11. B'<u>rikors tal-appell intavolat fit-2 ta' Ottubru, 2023</u> l-appellanti, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed titlob lil din il-Qorti, "tirrevoka u tħassar d-digriet tal-Ewwel Onorabbli Qorti tal-25 ta' Settembru, 2023 mogħti fir-rikors numru 967/2023 fl-ismijiet premessi li bih irrevokat il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1580/2023, billi tiddikjara illi ma jissussistux ir-rekwiżiti mitluba mill-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru 1580/2023 u konsegwentement tiċħad it-talba għar-revoka tal-mandat tas-soċjetà appellata…."

12. L-appellata ma ppreżentatx risposta.

13. B'<u>digriet tal-5 ta' Ottubru, 2023</u> din il-Qorti diversament komposta appuntat l-appell għas-smigħ għas-17 ta' Ottubru, 2023.

14. Fis-smigħ tas-17 ta' Ottubru, 2023 il-Prim Imħallef u ż-żewġ Imħallfin li kienu jikkomponu din il-Qorti astjenew għar-raġunijiet kif jirriżultaw fil-verbal relattiv u bi qbil mal-avukati tal-partijiet il-President tal-Qorti innomina lill-Imħallfin li issa jikkomponu din il-Qorti sabiex ikomplu jisimgħu dan l-appell.

15. Fis-17 ta' Ottubru, 2023 l-appellanti talbet lil din il-Qorti tagħmel rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, talba li ġiet miċħuda b'digriet tad-9 ta' Jannar, 2024 għar-raġunijiet hemm mogħtija.

16. Fis-smigħ tad-9 ta' Jannar, 2024 ġie trattat l-appell li tħalla għal-lum għas-sentenza.

17. Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

18. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti rrevokat il-mandat għal raġunijiet li ma tressqux fir-rikors revoka ppreżentat mill-appellata. Tgħid illi skont Artikolu 281 (1) tal-Kap. 12 min

iressaq rikors għar-revoka ta' mandat eżekuttiv għandu jressaq is-sottomissjonijiet kollha tiegħu f'dak ir-rikors. Tgħid illi r-rikors revoka kien unikament motivat mill-premessa illi d-digriet taċ-ċaħda kien finali u definittiv, u li kien jorbot lill-appellanti u jippreklidiha milli tintavola talba ġdida għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv. Tgħid illi fir-rikors revoka mkien ma jingħad illi l-appellanti kellha qabel xejn tfittex li d-digriet taċ-ċaħda jiġi revokat. Tgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi Ewropea u tar-Regolament UE 1215/2012 meta ppronunzjat ruħha rigward ir-rimedju taħt l-Artikolu 36 (2) tal-istess regolament. Tgħid illi bir-rikors għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv l-appellanti ma kintix qed titlob ir-rikonoxximent tas-sentenzi esteri, iżda tat bidu għall-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenzi ta' stat membru ieħor. Illi l-Ewwel Qorti qatt ma setgħat tasal għall-konklużżjoni illi r-rimedju biex jitħassar id-digriet tat-8 ta' Awwissu, 2023 li ċaħad l-eżekuzzjoni kien li ssir azzjoni mill-esponenti taħt Artikolu 36 (2) tar-Regolament EU 1215/2012. Iżżid tgħid illi l-kreditur m'għandu l-ebda rimedju meta rinfaċċjat b'ċaħda tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv.

19. Eżaminat ir-rikors revoka u d-digriet appellat, il-Qorti tqis dan l-aggravju bħala infondat. Id-digriet appellat huwa msejjes fuq il-konsiderazzjonijiet segwenti: (i) is-sekwestranti, rinfaċċjata biċ-ċaħda tat-talba tagħha, kellha qabel xejn tirrikorri għall-azzjoni sabiex id-digriet taċ-ċaħda jiġi revokat u mhux tipproċedi billi tressaq talba oħra simili bħal dik

miċħuda. Jingħad hekk fid-digriet "Tqis illi jekk Jasmin Buchegger ma kinitx qieghda taqbel ma' dak id-digriet tat-8 ta' Awwissu, 2023, hija messha bdiet proċeduri biex jithassar jew jinbidel dak id-digriet u mhux terga' tipproponi talba ohra ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv"; u (ii) illi l-aġir tas-sekwestranti jikkostitwixxi *forum shopping* fuq l-istess fatti bil-konsegwenza ta' provvedimenti konfliġġenti fuq l-istess talbiet. Huwa minnu illi fid-digriet appellat jingħad aktar 'l isfel, illi kien miftuh għall-appellanti kien hemm il-proċedura kontemplata fl-Artikolu 36 (2) tar-Regolament EU 1215/2012, però fl-istess ħin l-Ewwel Qorti kkwalifikat dik il-proċedura fejn jintalab li ma hemmx raġuni għar-rifjut tar-rikonoxximent u mhux sabiex id-digriet taċ-ċaħda jiġi revokat. It-tieni waħda ma teskludiex l-ewwel azzjoni msemmija mill-Ewwel Qorti.

20. Għaldaqstant tiċħad l-ewwel aggravju.

21. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti tirreferi għall-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-korrettezza kienet titlob illi qabel ma titlob il-ħruġ tal-mandat is-sekwestranti kellha tgħarraf lill-qorti illi ġia kienet għamlet talba identika li kienet ġiet riġettata, u tgħid illi l-Ewwel Qorti naqset milli tindika d-dispost tal-liġi li kien jimponi fuqha dak l-obbligu. Tilmenta illi l-Ewwel Qorti ma għamlet l-ebda konsiderazzjoni illi d-digrieti taċ-ċaħda ma humiex finali u definittivi. Tgħid illi l-uniċi rekwiżiti rikjesti taħt piena ta' nullità huma dawk elenkati fl-Artikolu 376 tal-Kap.

12. Tgħid illi hija ottemperat ruħha sew mar-rekwiżkiti *ai termini* tal-Artikolu 376 kif ukoll ma' dawk *ai termini* tal-Artikolu 375 u li għalhekk l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi.

22. Huwa minnu li d-digriet taċ-ċaħda ma jikkostitwixxiex ġudikat. Però huwa daqstant ieħor minnu illi proprju għaliex ma hux ġudikat huwa miftuħ għall-appellanti r-rimedju illi tattakka d-digriet taċ-ċaħda u mhux li tittenta tottjeni, kif irnexxielha għall-perijodu qasir, digriet dijametrikament oppost u f'kontradizzjoni ma' digriet ieħor preċedenti dwar l-istess talba msejsa fuq premessi u fatti identiċi.

23. Fi kwalunkwe każ, il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti fl-akkoljiment tat-talba għar-revoka tal-mandat eżekuttiv kienet illi l-appellanti kellha, qabel titlob mill-ġdid il-ħruġ tal-mandat eżekuttiv, tistitwixxi proċedura *ad hoc* sabiex tottjeni t-tħassir tad-digriet li permezz tiegħu t-talba għall-ħruġ tal-mandat eżekuttiv ġiet riġettata. Il-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti dwar x'qieset li ma kienx korrett fl-aġir tal-appellanti saret fl-isfond tal-konsiderazzjoni primarja illi ma kienx aċċettabbli għall-qorti li jsiru talbiet identiċi fuq l-istess fatti li jwasslu għall-provvedimenti ġudizzjarji konfliġġenti fuq l-istess talbiet.

24. Din il-Qorti taqbel perfettament mar-raġunament tal-Ewwel Qorti fir-rigward. Bil-maqlub ta' dak sottomess mill-appellanti, iċ-ċertezza tad-

dritt trid illi għandu sa fejn possibbli jiġu evitati provvedimenti ġudizzjarji fuq l-istess talbiet u fuq l-istess fatti li jkunu konfliġġenti għal xulxin.

25. Issib għalhekk illi t-tieni aggravju ma hux fondat u qed jiġi respint.

26. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti tgħid li l-Ewwel Qorti naqset milli tidentifika l-artikolu tal-liġi li jagħmel id-distinzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti illi ċaħda ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv imsejsa fuq raġunijiet marbuta ma' xi nuqqas fil-forma ma kienx ta' ostakolu sabiex jipi ppreżentat rikors ġdid ġaladarba dak in-nuqqas ikun indirizzat; filwaqt illi jekk ċaħda tkun imsejsa fuq raġunijiet sostantivi, kif ġara f'dan il-każ, allura s-sekwestranti riedet qabel xejn tieħu passi sabiex id-digriet taċ-ċaħda jiġi revokat. Tgħid illi effettivament ma hemm l-ebda rimedju kontemplat fil-liġi fir-rigward ta' ċaħda ta' rikors għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv u li l-uniku rimedju huwa li jerġa' jiġi intavolat rikors ieħor għall-ħruġ tal-mandat.

27. Din il-Qorti ma taqbilx illi rinfaċċjata bid-digriet taċ-ċaħda tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv l-appellanti ma kellha l-ebda rimedju għad-dispożizzjoni tagħha sabiex titlob it-tħassir ta' dak id-digriet. Jekk kif qed tgħid l-appellanti ma hemm l-ebda provvediment legali li jipprovdi azzjoni ġudizzjarja in kontestazzjoni ta' ċaħda ta' talba għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv, il-Qorti Ċivili Prim'Awla dejjem għandha

kompetenza residwali bis-saħħa tal-**Artikolu 32 (2) tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta' Malta li jvesti kompetenza residwali fil-Qorti Ċivli sabiex dik il-qorti "… taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom". Hija ġurisprudenza kostanti u assodata illi fir-rigward tal-Qrati Ċivili " ….. Artikolu 32(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ivesti fihom poteri residwali fejn il-liġi ma tipprovdix mezz idoneju u effettiv ta' rimedju" (**Liquigas Malta Limited v. Ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma et.** - Qorti tal-Appell - 30 ta' Marzu, 2022; ara wkoll **John *sive* Gino Cutajar et. v. Alfred Falzon Sant Manduca et.** - Qorti tal-Appell - 27 ta' Marzu, 2020).

28. Għaldaqstant tiċħad it-tielet aggravju.

29. Permezz tar-raba' aggravju l-appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament zbaljat tal-liġi meta kkunsidrat validu l-ewwel digriet li ċaħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat eżekuttiv. Tgħid illi *una volta* d-digriet taċ-ċaħda huwa msejjes Artikolu 56A tal-Kap. 583 l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi peress li marret kontra d-dispost tal-Artikolu 825A tal-Kap. 12 u kontra r-Regolament UE 1215/2012 għaliex skont l-appellanti l-Ewwel Qorti kellha tinjora dak id-digriet taċ-ċaħda *una volta* huwa msejjes fuq artikolu tal-liġi li skont l-appellanti huwa null. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex

tikkunsidra illi bil-ħruġ tal-mandat eżekuttiv mat-tieni tentattiv wassal għall-provvedimenti kunfliġġenti u dan għaliex skont l-appellanti l-Ewwel Qorti kellha tinjora l-eżistenza tad-digriet taċ-ċaħda mogħti mill-Ewwel Qorti diversament presjeduta. Tgħid illi d-digriet taċ-ċaħda huwa bbażat fuq Artikolu 56A tal-Kap. 583 li jrid illi l-Qrati Maltin jirrifjutaw li jeżegwixxu sentenzi esteri mogħtija fil-konfront ta' soċjetajiet tal-*gaming* liċenzjati f'Malta, u dan skont l-appellanti jmur kontra Artikolu 825A tal-Kap. 12. li jagħti effett fil-liġi nostrana għall-prinċipju tas-supremazija tal-liġi Ewropea.

30. Fil-fehma ta' din il-Qorti għamlet sew l-Ewwel Qorti li ma injoratx l-eżistenza tad-digriet taċ-ċaħda mogħti fi proċeduri ġudizzjarji bejn l-istess partijiet fuq l-istess pretensjonijiet. L-Ewwel Qorti bl-ebda mod ma ppronunzjat ruħha dwar jekk tali digrieti kinux annullabbli proprju għaliex dak ma kienx il-mertu tal-atti quddiemha. Kuntrarjament għal dak sottomess mill-appellanti, Artikolu 825A tal-Kap. 12 u r-Regolament Brussels 1 Recast bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li jimponu fuq il-Qorti l-obbligu li tinjora digrieti msejsa fuq Artikolu 56A.

31. Il-proċeduri odjerni huma strettament marbuta mal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 u d-digrieti kunfliġġenti; u mhux rigward is-supremazija tal-liġi Ewropea jew l-applikabilità tal-Artikolu 56A tal-Kap. 583 jew il-kunflitt

allegat mill-appellanti bejn Artikolu 56A tal-Kap. 583 u r-Regolament EU Brussels 1 Recast fid-dawl tal-Artikolu 825A tal-Kap. 12.

32. Tqis għalhekk dan ir-raba' aggravju bħala infondat u qed jiġi respint.

33. Fil-ħames aggravju l-appellanti tgħid illi fid-digriet appellat l-Ewwel Qorti applikat Artikolu 281 tal-Kap. 12 b'mod żbaljat u kontra l-ġurisprudenza tagħha stess. Tgħid li l-Ewwel Qorti "l-uniku ezercizzju li kellha taghmel kien li tara jekk kien hemm xi nuqqas formali fl-att innifsu, nuqqas li ma jirrizultax ghaliex il-mandat 1580/2023 kien jissodisfa r-rekwiziti kollha ghall-hruġ tal-mandat, u di fatti gie akkordat." Tgħid illi l-Ewwel Qorti kellha tissana dak li għamlet ħażin il-Qorti diversament presjeduta meta ċaħdet it-talba għall-ħruġ tal-mandat eżekuttiv. U mhux tikkastiga lill-appellanti għaliex ipproċediet sabiex tenforza d-drittijiet tagħha *ai termini* tal-liġi Ewropea li hi suprema. Tgħid illi l-appellata hija fi kwalunkwe każ munita bir-rimedju provdut bl-Artikolu 46 tar-Regolament Ewropew sabiex tottjeni deċiżjoni li s-sentenza tal-Qorti Awtrijaka ma hiex enforzabbli fil-ġurisdizzjoni Maltija, rimedju li skont l-appellanti hija ma għandhiex.

34. Huwa minnu li Artikolu 281 huwa intiż sabiex jiġi attakkat is-siwi tal-mandat u mhux ukoll l-eżekuzzjoni tiegħu. (Provvediment tal-Prim'Awla

datat 20 ta' Ġunju, 2012 fl-atti tal-mandat ta' qbid eżekuttiv nru. 1817/11MB u 1818/11MB fl-ismijiet **Victor Fenech v. Anthony Fountaine**.). Huwa minnu wkoll illi l-għan li għalih iddaħħal Artikolu 281 fil-Kap. 12 huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tieghu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju. Inżamm illi l-proċedura *ai termini* tal-Artikolu 281 m'għandhiex tintuża sabiex il-mandat eżekuttiv jigi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju hemm mogħti huwa bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra. (provvediment **Edward Pavia v. Michael Sultana** - Prim'Awla - 5 ta' Mejju, 2005).

35. Fil-fehma ta' din il-Qorti però l-mandat eżekuttiv mertu ta' dawn il-proċeduri ma ġiex attakkat għal raġunijiet ta' kontestazzjoni marbuta mal-mertu li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-mandat; iżda għal raġunijiet marbuta unikament mal-konsiderazzjoni illi sabiex jiġu evitati provvedimenti ġudizzjarji konfliġġenti, min tiġi miċħuda t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' mandat eżekuttiv ma jistax jinjora tali digriet u jipproċedi b'talba oħra identika fuq l-istess fatti. Iżda jeħtieġlu qabel xejn li jieħu azzjoni sabiex jitlob li d-digriet taċ-ċaħda jiġi mħassar.

36. Għal dawn il-motivi l-Qorti tqis illi l-ħames aggravju tal-appellanti huwa infondat u għalhekk qed jiġi respint.

**Deċiżjoni**.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Robert G. Mangion<br>Aġent President | Giovanni Grixti<br>Imħallef | Ian Spiteri Bailey<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm